# Ir-Ragħaj fil-Parroċċa

Dun Hector Scerri

*Dan id-diskors sar fid-29 ta' Novembru 2004 fis-Sala Parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ħamrun bħala parti mit-tħejjija għall-bidu uffiċċjali tal-ħidma pastorali tal-Kappillan il-ġdid tal-parroċċa.*

Merħla bla ragħaj titlef it-triq. Tmur f'mogħdijiet żbaljati. Merħla li ma jkollhiex ragħaj se tispiċċa b'ħafna nagħġiet mitlufin. In-nagħaġ jinfixlu. Jitħawdu. Ma tkunx trid tkun waħda minnhom!

Mergħat tajba trid lil xi ħadd iwasslek għalihom. Trid ukoll min iħarsek mill-perikli. Trid min iwissik. Trid min jgħallmek. Trid min jiftaħlek għajnejk. Dan... u aktar jagħmel ir-ragħaj. Saħansitra jagħti ħajtu. Jekk huwa ragħaj veru, iva, jasal biex jagħti ħajtu biex jiddefendik. Tkun tassew ixxurtjat li jkollok ragħaj bħal dan. Ragħaj b'qalb tad-deheb u b'rieda soda. Ħaġa rari, illum. Imma ssibu. Irringrazzja 'l Alla li kellek u li għandek rgħajja bħal dan.

X'jagħmel ragħaj bħal dan fil-parroċċa? Tgħidli, mela aħna ngħaġ? U dażgur! Mhux xbieħa sabiħa din? Li tħossok parti minn grupp magħqud, miexi fl-istess direzzjoni... dik li nsejħulha *parroċċa*. Li taf li hemm xi ħadd li qed jieħu ħsiebek, u li qed jagħti ħajtu biex int tkun moqdi, anzi moqdi tajjeb... bil-Malti ngħidu, "moqdi mill-koxxa". Li hemm xi ħadd li jinteressa ruħu fik. Jinkwieta jekk ma jarakx f'saħħtek. Jinkwieta jekk jarak se tintilef għax taqbad mogħdijiet oħra. Dan kollu jagħmlu r-ragħaj fil-parroċċa... dak li aħna nsejħulu kappillan.

Dan ukoll jagħmluh is-saċerdoti l-oħra li jaħdmu id f'id miegħu. Imma r-responsabbiltà l-kbira qegħda fuqu... għax huwa r-ragħaj prinċipali. Ir-"ragħaj il-kbir tan-ngħaġ" jibqa' Kristu u huwa Kristu. Imma Kristu fostna jidher fil-Kappillan u s-saċerdoti. Ikellimna permezz tagħhom. Jaħfrilna meta mmorru f'riġlejhom. Idewwina permezz ta' idejhom ikkonsagrati.



Vol 35 / 315

X'jagħmel il-Kappillan bħala ragħaj tal-parroċċa?

Huwa bħal *missier ta' familja...* ta' familja kbira. Dejjem jara x'hemm bżonn. Jaħseb minn kmieni. Iħawtel. Iħares lil uliedu. Il-Kappillan jagħmel dan kollu. Il-Kappillan huwa *bniedem tal-poplu*. Jgħix mal-poplu. Jimxi mal-poplu. Għax jitkellem man-nies... għax jimxi fit-toroq tagħna... għax isellimlek u jieqaf jistaqsik kif għadda żewġek li kien ma jiflaħx jew kif inhuma t-tfal... għax jidħol fid-dar tiegħek... għax jidħol fil-ħwienet... jitgħallem kuljum x'inħossu aħna lkoll. Ikun jaf minn x'hix għaddejjin... *Ikollu l-polz tal-poplu f'idejh.* Ikun mhux biss ragħaj, imma wkoll profeta li jwassal il-Kelma t'Alla fis-sitwazzjonijiet differenti li lkoll insibu ruħna fihom. Ir-ragħaj fil-parroċċa huwa għalhekk bniedem t'Alla u bniedem *tal*-poplu u *mal*-poplu.

*Huwa jara li l-Kelma t'Alla fis-sbuħija kollha tagħha tasal sħiħa lill-membri tal-komunità parrokkjali.* Għalhekk huwa jagħmel minn kollox biex l-Insara afdati f'idejh jiġu mgħallma l-veritajiet tal-fidi tagħna, speċjalment fl-omelija u fil-katekeżi li ssir. Għax huwa ragħaj, il-Kappillan iħeġġiġna biex ngħixu skond dak li jgħallimna l-Vanġelu. Jinkuraġġina biex dak li nisimgħu npoġġuh fis-seħħ: billi nagħtu każ xulxin, ngħinu lil min jeħtieġ l-għajnuna, inwieżnu lil dawk li jogħtru. Araw fiit xi rwol importanti għandu r-ragħaj fil-komunità Nisranija!

Ir-ragħaj tal-parroċċa jara wkoll *li s-sagrament ta' l-Ewkaristija jkun il-pern li miegħu ddur il-ħajja kollha tal-komunità.* Nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru 2004, il-Papa Ġwanni Pawlu għamel diskors sabiħ lill-membri tal-Kunsill Pontifiċju għal-Lajċi. Dakinhar, il-Papa qalilhom: "Skopru mill-ġdid il-wiċċ veru tal-parroċċa... Ftakru li l-Ewkaristija hija *l-qalb tħabbat tal-parroċċa, l-għajn tal-missjoni tagħha, u l-preżenza li kontinwament iġġeddidha*". Mhuwiex diffiċli għalina nifhmu kemm ir-ragħaj tal-parroċċa għandu jżomm dan fl-ewwel post. Jara li n-nies ikunu moqdijin tajjeb f'dak li hu quddies, jara li l-morda jirċievu l-Ewkaristija regolarment u ta' spiss, jara li t-tfal jitħejjew tajjeb biex jirċievu l-ewwel Tqarbina.

Semmejna s-Sagramenti. Il-Kappillan, flimkien mas-saċerdoti l-oħra, jiċċelebra s-sagramenti. Bħala l-kap tal-komunità, huwa jara li l-Liturġija tiġi ċċelebrata bid-dinjità kollha li jixraq lil dan

l-att ta' qima lil Alla. Jara li s-sagramenti jkunu tassew laqgħat ta' grazzja bejn l-Insara u Alla. Ikun dispost li jgħin lill-parruċċani sabiex jersqu mħejjija tajjeb għas-sagramenti, li jieħdu sehem sħiħ fihom u li jkunu jafu x'qegħdin jiċċelebraw. Araw, mela, x'responsabbiltà għandu l-kappillan (u miegħu s-saċerdoti sħabu) li s-sagramenti jkunu esperjenzi mill-aktar qawwija fir-relazzjoni tagħna m'Alla u fil-mixja ta' konverżjoni dejjiema tagħna.

Nagħmel mistoqsija. *X'ragħaj ikun jekk ma jfittixx il-morda u d-dgħajfin?* Isimgħu ftit x'jgħid il-Mulej permezz tal-Profeta Eżekjel: "Jiena stess nirgħa n-nagħaġ tiegħi, u jiena nserraħhom... Jiena nfittex il-mitlufa, nreġġa' lura l-imxerrda, ninfaxxa l-griehi tal-miġruħa, u nqawwi l-morda" (34,15-16). Dan huwa r-ragħaj kif jixtiequ Alla. Dan huwa r-ragħaj kif tixtiequ l-Knisja. Mhuwiex xi *manager*. Mhuwiex organizzatur.

Imma huwa dak li b'qalb tad-deheb, b'id li tbierek, b'riġlejn li jterrqu l-parroċċa minn tarf sa ieħor, ifittex l-imbegħdin.

Ma jmiddx rasu fuq l-imħadda sakemm ikun mar ifittex in-nagħġa li birdet fl-impenn tagħha. Jishar sakemm din twieġeb għal-leħen ħlejju tiegħu. U meta jsib lin-nagħġa li tkun intilfet, x'jagħmel biha? Taħseb li se joqgħod jgħajjat magħha jew jiġbdilha widnejha? Le, iżiegħel biha u jifraħ. Jerfagħha fuq spallejh u jgħannaqha miegħu. Jinsa kemm terraq sakemm sabha. Jinsa l-iljieli li dam inkwetat għaliha. Issa ferħan li qeda dmiru: li n-nagħġa tinsab lura qawwija u sħiħa fil-merħla.

Id-dirgħajn ħerkiena tiegħu ma jehdewx milli jirsistu *biex l-Insara afdati lilu jixxenqu għall-qdusija.* Ir-ragħaj, kif qalilna Eżekjel, ifittex ukoll lil dawk li huma fiżikament morda. Iżur lill-anzjani u dawk li ma jifilħux fi djarhom, fir-residenzi għall-anzjani, fl-isptarijiet. Ir-ragħaj bieżel, fuq l-eżempju ta' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb u s-Sabiħ, ma jistrieħx... m'għandux kwiet sakemm ikun għamel dan kollu. Dan huwa r-ragħaj li jagħti ħajtu għall-merħla, li jfittex 'il-mitlufin.

Huwa *kkunsmat bl-imħabba* tiegħu għan-nies. Bħal xemgħa li tinħela, li tikkonsma ruħha biex tagħti dawl u wens, hekk ukoll ir-ragħaj jikkonsma ruħu biex iwassal id-dawl, l-imħabba u l-faraġ ta' Kristu. Ifarraġ u jsabbar lil min għaddej minn wied ta' dmugħ. Iqawwi fit-tama ta' Kristu Rxoxt lil min għadu kemm tilef lil xi ħadd għażiż.

Araw x'missjoni mill-isbaħ għandu r-ragħaj fil-parroċċa. *Qiegħed hawn għas-servizz tagħna lkoll.* Għandu wkoll lil min jixbah. Fuq kollox lir-Ragħaj it-Tajjeb. Imma wkoll lil ħafna rgħajja li tawna eżempju. Il-qaddis Kurat t'Ars, San Ġwann Marija Vianney, li tqaddes fil-missjoni tiegħu bħala kappillan ta' parroċċa fi Franza kważi mitejn sena ilu. Jista' jimita wkoll lil qassis Malti u kappillan li ftit tax-xhur oħra jaħbat il-mitt sena minn twelidu... il-kappillan Dun Karlu Manchè (1905-1950) tal-Gżira li litteralment ta l-enerġija kollha tiegħu, saħħtu kollha, saħansitra ġidu kollu lill-merħla afdata f'idejh.

*Il-Kappillan huwa l-bennej ta' l-għaqda fil-parroċċa.* Il-firdiet iweġġgħuh u jsewdulu qalbu. Jirsisti biex nissaħħu fir-rabta tagħna ma' Kristu u bejnietna. Iħeġġiġna u jagħtina eżempju biex aħna lkoll inkunu ta' servizz għal xulxin.

Issa li l-Kappillan il-ġdid sema' dan kollu, nistħajlu qed iħokk rasu. Id-dmirijiet u l-piż, kif rajna, mhumiex żgħar. Imma nafu li dak li għedna diġà beda jwettqu fostna b'imħabba u dedikazzjoni... u hekk se jkompli jagħmel. Għalhekk nitolbu ħafna għalih biex taħt il-ħarsien ta' Marija *kuljum* ikun ragħaj skond il-qalb ta' Ġesù.

Aħna ngħidulu: Bħad-dixxiplu l-maħbub fl-Aħħar Ċena midd rasek fuq sider Ġesù. *Kuljum isma' t-taħbit ta' qalbu!*

U mbagħad mimli b'din l-enerġija spiritwali, *kuljum* għallimna f'isem Kristu, *kuljum* ħeġġiġna għall-Ewkaristija, u *kuljum* mexxina biċċa triq oħra lejn Dar il-Missier.❖

(p.6 ☞)

eagerly for creative ways to get Christians to know and love Jesus as he did.

He kept pushing himself to discover more effective ways to express that great desire in his heart. And through his gift of effective communication, St Francis became a powerful evangeliser of the Gospels. He was by his own admission "The herald of the great King".

This Franciscan style of evangelisation reminds us of the value of communications, including the role of the publications ministry which can help lead souls to eternal salvation. It is therefore much more than a job or a mere technique, for it can encourage more people towards sanctity.

Fr Sebastian Camilleri OFM